## KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 42

It-Tnejn, 10 ta' Marzu, 2014

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President, is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai, Sindku Msida, is-Sur Stephen Sultana, Sindku Sta. Venera, is-Sur Keith Tanti, Sindku Tal-Pieta`, is-Sinj. Rita Borg, Vici Sindku B'Kara.

Il-Vici President, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard informa li minhabba laqgha ohra tal-Kunsill ma setghax jattendi u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 41 li saret nhar it-Tlieta, 28 ta' Jannar, 2014, kienu approvati unanimament.

**BORD TA' L-GHAZLA GHAS-SEJHA GHAL POST TA' SEGRETARJU EZEKUTTIV MAR-REGJUN CENTRU**

L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa li l-bord ghandu jkun kompost bejn tlieta (3) u hames (5) min-nies.

Kien hemm qbil li l-Bord ikun maghmul mill-President is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, il-Vici President, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema u s-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai, Sindku Msida.

Kien hemm qbil ukoll li l-ewwel laqgha tal-Bord ghandha tkun nhar il-Gimgha, 14 ta' Marzu fis-13.00.

**KORRISPONDENZA**

Il-Kumitat tar-Regjun Centru ircieva ittra minghand l-avukat ta' sid il-post fejn hemm it-Tribunal tar-Regjun Centru f'San Gwann fejn qed jinforma li l-kera ta' dan il-post tiskadi fit-30 ta' Novembru, 2014 u s-sid mhux ser jerga' jgedded dan il-ftehim.

Il-President ippropona li ninfurmaw lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'dan u nitolbu ghal parir kif ir-Regjun ghandu jipprocedi.

Is-Sur Tanti qal li l-Kunsill Lokali Tal-Pieta` ghandu fejn jista' jakkomoda t-Tribunal, f'post ukoll li huwa accessibli ghal kulhadd.

Kien hemm qbil li dwar dan tintalab gwida mid-Dipartiment.

**KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT**

***Progetti mill-flus ta' l-LES***
Wara d-diskussjoni li saret fil-laqgha precedenti dwar il-flus li qed jibqa' mis-sistema ta' l-LES, il-President ppropona li €400,000 minn dawn il-fondi jigu mqassma fost il-Kunsilli Lokali ta' dan ir-Regjun skond il-persentagg ta' multi li nghataw u gew imhallsa f'kull lokal sa Dicembru 2013.

Is-Sur Tanti qal jekk hux se jkun hemm ammont ta' flus li se jinqasam ugwali bejn il-Kunsilli u l-bqija jinqasam b'persentagg skond ic-citazzjonijiet.

Il-President qal li hu ma jaqbilx ma' dan ghaliex f'lokal kbir bhal San Giljan hemm aktar problemi li qed jikkawzaw aktar hsara fil-lokalita`.

Is-Sinj. Baldacchino Cefai qalet li x'imkien kienet semghet li meta tali fondi jinqasmu, ghandu jkun hemm ammont li jitqassam ugwali bejn il-Kunsill.

Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil li l-ammont jinqasam skond il-persentagg ta' multi li nghataw u gew imhallsa f'kull lokal sa Dicembru 2013.

Ghalhekk kien hemm qbil li kull Kunsill jigu nfurmat b'dan sabiex mill-aktar fis jitressqu l-progetti proposti u wara jintbghatu ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

***Proposti ghar-riforma dwar l-infurzar lokali***

Waqt diskussjoni li saret dwar dan is-suggett, il-President qal li fost ll-bidliet li jixtieq jara huwa li gwardjan li jkun ma *crane* ghandu jara wkoll li dan ma jkunx halla zjut u trab iehor fl-art.

Is-Sur Camilleri qal li l-importanti huwa li bir-riforma, ir-Regjuni ma jitilfux l-awtonomija taghhom.  Huwa tkellem ukoll dwar il-possibilta` li jkun hemm ufficcju komuni ghas-sistema ta' l-infurzar lokali.

Is-Sur Sultana ressaq numru ta' punti li huma annessi (Appendici A).

Is-Sinj. Baldacchino Cefai ma kenitx taqbel li Gwardjan jigi assenjat ma' Kunsill Lokali ghax dan ghandu jdur minn post ghal iehor.

Is-Sur Camilleri qal li qed jigi propost li l-gwardjani jkunu taht il-Kummissarju tal-Pulizija u dawn ser ikollhom ic-cans li javvanzaw fil-karriera.

***Multi pendenti***

Is-Sur Camilleri qal li l-Kumitat Kongunt kien beda jibghat l-ittri bl-avukat sabiex jirkupra l-multi pendenti u jidher li dawn qeghdin jithallsu.  Ghalhekk issugerixxa biex ir-Regjun ma jdumx ma jibda jibghat ittri simili sabiex il-pendenzi ma jsirux antiki hafna.

## APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

Il-President, ssekondat mis-Sur Joe Camilleri ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 42  Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*.

**TMIEM**

Fis-7.15pm intemmet is-Seduta.  Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun nhar l-Erbgha, 23 ta' April, 2014 fil-5.30pm

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President